**Diskors mis-sur Noel Xerri**
**CE tal-Fondazzjoni OASI**
**26/06/2026**

Onorevoli Membri Parlamentari, Dun Manwel, Diretturi, Kollegi, Benefatturi, mistednin distinti – merħba fid-dar tal-OASI u grazzi minn qalbi f'isem l-OASI kollha li llum ngħaqadtu magħna għal din iċ-ċelebrazzjoni.

Ċelebrazzjoni li fiha, ta' kull sena, nieqfu ftit biex napprezzaw ix-xogħol kollu li jsir f'din id-Dar, u permezz ta' din id-Dar fil-komunità Għawdxija u Maltija, u nirrikonoxxu lil dawk kollha nvoluti f'din il-ħidma.

U tal-lum hija ċelebrazzjoni speċjali għaliex qed infakkru l-anniversarju tal-viżjoni li kellu Dan Manwel 35 sena ilu li waslet għat-twelid ta' l-OASI.

Ċelebrazzjoni ukoll ta' kull min f'dawn il-35 sena ħadem u stinka biex il-ħolma u l-viżjoni li kellu Dan Manwel mhux biss għadha ħajja imma qed dejjem tfittex li tkompli tagħraf u twieġeb għat-tibdiliet li għaddejjin minnhom is-soċjetà Għawdxija u Maltija.

Ċelebrazzjoni ta' Dun Manwel u l-fundaturi l-oħra, li ħolmu, waqqfu u fformaw l-OASI, ta' kull direttur li serva fuq il-Bord tal-OASI, tal-professjonisti u l-ħaddiema kollha li kienu jew għadhom parti minn din l-organizzazzjoni, ta' tant voluntiera imprezzabbli li f'35 sena ma waqfu qatt li jsostnu x-xogħol tagħna, ta' Gvernijiet differenti li għarfu l-bżonn tas-servizzi tagħna u pprovdew fondi pubbliċi neċessarji, u ta' kull min b'xi mod mess magħna u li jista' jkun qed ninsa' .... ċelebrazzjoni mimlija gratitudni għal dak li għexna tul dawn il-35 sena ... filwaqt li mimlija determinazzjoni li nitgħallmu nkunu dejjem aħjar f'dak kollu li nagħmlu.

## Rendikont

L-OASI ma kienetx dejjem dak li hija illum.  OASI bdiet b'servizz wieħed, iffukat fuq terapija fil-komunità u evolviet biex illum toffri 5 servizzi differenti, inkluż il-prevenzjoni, l-outreach, il-programm ta' matul il-ġurnata, il-programm residenzjali u programmi fil-komunità. Matul is-snin nikkalkulaw li ġew f'kuntatt mal-OASI il-fuq minn 6000 persuna. Dan in-numru ma jinkludix lil dawk l-persuni li ġew f'kuntatt magħna permezz tax-sessions tagħna fl-iskejjel, fil-parroċċi u fuq il-postijiet tax-xogħol. Permezz tal-viżjoni ta' Dun Manwel, u tal-impenn bla heda ta' dawk kollha li ħadmu magħna f'xi żmien jew ieħor, lil dawn il-persuni tajnihom xi ftit tama, xaqq ta' dawl jew anki ħajja ġdida.

Fl-2025 kien hemm tlett mija u sittax-il persuna li talbu l-għajnuna.. Fost dawn it-tlett mija u sittax, kien hemm mitejn u tmintax li avviċinawna minħabba problemi ta' kokaina mija u tmintax bi problemi ta' alkoħol u wieħed u sittin li stqarrew li għandhom problemi ta' kannabis.

Bħal ma dejjem għamilna, lil dawn il-persuni offrejnielhom is-sapport professjonali tagħna, żidnielhom l-għarfien u inkuraġġejnihom biex ma jaqtghux qalbhom, imma jsibu ġewwa fihom ir-rieda u l-enerġija biex jieħdu ħajjithom lura. Huwa għal dawn il-persuni u l-familji tagħhom, li sħabi l-professjonisti jiġu kuljum mimlijin bl-entużjażmu, biex is-sustanzi ma jibqgħux jikkontrollaw u jiddeterminaw l-ħajja ta' min ikun qiegħed f'kuntatt mal-OASI.

**Ir-Realtà tas-Sustanzi**

Tajjeb li nkunu onesti ma' xulxin. Fil-waqt li aħna niġġieldu biex persuni li nqabdu fil-addiction jerġgħu jieħdu f'idejhom ir-riedni ta' ħajjiethom, l-użu tas-sustanzi qed jiżdied.

L-użu tal-kokaina ilu jiżdied, mhux biss f'Għawdex u f'Malta, iżda anke fl-Ewropa. L-istess nistgħu ngħidu għall-kannabis. Però issa l-ħsara u d-degradazzjoni fis-soċjetà relatati ma' dawn it-tip ta' drogi qed tinħass sew. Qed ninnutaw żieda fil-persuni li qed jitressqu l-qorti bi traffikar, kif ukoll żieda fil-każijiet ta' vjolenza domestika ta' tfal mal-ġenituri b'konnessjoni mad-droga.

Wasal iż-żmien li nħarsu sew lejn ir-realtà kif inhi. Kull mument li qed naħarbu din ir-realtà nkunu qed insammru musmar fit-twiebet ta' partijiet mill-ġenerazzjonijiet futuri. Ma nixtieqx niġi interpretat li qed inbeżża'. Aħna, hawn fl-OASI ngħixu din ir-realtà kuljum fl-esperjenzi tal-familji li naħdmu magħhom ...

Bħal dak il-missier li minflok fil-Milied jifraħ bit-twelid tal-Bambin, jibki l-memorja ta' ibnu li sabuh mejjet propju f'dik il-ġurnata.

Bħar-realtà ta' dik l-omm li tibki lil binha li wara 14-il sena fit-triq sabitu permezz tal-ħidma sfieqa tat-terapisti tagħna, gawdietu għal sentejn u nofs u, sfortunatament, tilfitu f'ħakka t'għajn permezz ta' overdose meta reġa' ltaqa' mal-ħbieb tiegħu li kienu għandhom jieħdu d-drogi. Qed nara lil ommu u nismagħha tgħidilna: "Grazzi li tajtuni lura lill-ibni għal sentejn." Imma l-weġgħa hemm qegħda – mhux naturali li ġenitur jidfen lill-uliedu.

Qed naraw l-użu ta' diversi tipi ta' drogi flimkien (polydrug use) qed jiżdied. Hawn min jemmen li għandu l-kapaċità li jbiddel l-burdata u jtejjeb il-funzjoni tiegħu bl-użu ta' diversi tipi ta' sustanzi. Qed niltaqgħu ma' ħafna li qed jitkissru minħabba dan it-twemmin, għax qed iwasslu lilhom nfushom għall-ħsara mentali serja. Huwa fatt ukoll li l-kwantità tad-droga fl-idejn żdiedet u l-potenza tagħhom issaħħet – allura l-ħsara awtomatikament ser tiżdied.

Ejjew inkunu saqajna mal-art – għalkemm hemm drogi li jintużaw biex iżidu l-pjaċir li jkun qed jesperjenza l-individwu, m'hemm xejn rikreazzjonali dwarhom.

Dawn huma ftit mir-realtajiet li niltaqgħu magħhom. Naf li l-kollegi tagħna tal-Caritas u ta' Sedqa, jiltaqgħu ma dawn ir-realtajiet kuljum ukoll. U la qed insemmihom, nirringrazzja Anthony u lil Charles, u l-kollegi rispettivi tagħhom tar-relazzjoni franka li hemm bejnietna u tal-kollaborazzjoni li nsibu ma xulxin.

**Prevenzjoni**

Tul din is-sena sħaqna, u ser inkomplu nisħqu, li l-użu tal-kelma "responsabbli" flimkien ma' sustanzi jew imġiba li fihom element ta' pjacir u ewforija, mhix qed tagħmel ġid lis-soċjetà – pjuttost qed tiżvija liż-żgħażagħ tagħna. Fis-snin sittinijiet u fis-sebgħinijiet xi tobba u dentisti kienu jirrakkomandaw l-użu tas-sigaretti. Il-konsegwenza ta' din l-istrateġija żbaljata għadha qed tinħass illum. Illum l-ebda tabib ma joħlom li jgħid lil xi ħadd li jista' jpejjep sigaretti b'mod responsabbli. Ejjew naraw ir-realtà kif inhi u ma nħallux is-soċjetà tgħaddi mill-istess martirju li għaddiet u għadha għaddejja minnu permezz tas-sigaretti.

Ħdimna bis-sħiħ biex inneħħu l-perikli li kien qed iġib in-Nitrus Oxide (laughing gas). Irċevejna diversi rapporti, kemm minn individwi u kemm minn entitajiet, dwar l-abbuż qawwi tan-Nitrus Oxide fost it-tfal. Bl-għajnuna ta' diversi entitajiet u professjonisti (bħal Prof. Charmain Gauci u Dr Jeffrey Bonnici), irnexxielna flimkien inwasslu biex il-bejgħ tan-Nitrous Oxide għall-użu rikreazzjonali isir illegali. Il-Kunsill u s-sindku t'Għajnsielem kienu sostenituri kbar f'din il-ħidma. Il-Ministru tas-Saħħa ta' dak iż-żmien l-Onor. Jo Etienne Abela, u l-Onor. Thomas Bajada ukoll kienu ta' spalla għalina f'din il-ħidma.

Tajna r-rakkomdazzjonijiet tagħna dwar l-użu tal-midja soċjali u ħdima ma' organizzazzjonijiet bħal Smartphone Free Childhood Gozo u BeBrave. Għadna qed nipprofondixxu, nirriċerkaw u ninvestigaw x'qed jiġri fuq l-internet.

Dak li qed niltaqgħu miegħu mhuwiex pjaċevoli. It-tfal tagħna, l-aktar dawk vulnerabbli, qed jiġu avviċinati b'mod sottili fuq l-internet minn organiżżazzjonjiet semi-organizzati biex bil-mod isiru vittmi ta' min, hu stess, ġej minn sitwazzjonijiet serji ta' vulnerabilità.

Permezz tal-ħidma ta' prevenzjoni li qed tkun aktar iffukata, u permezz ta' inizjattivi ġodda, qed nilħqu aktar persuni.

**It-Teamwork fl-OASI**

Imma dan kollu ma sarx waħdu – dan kollu sar permezz tal-impenn tal-kollegi kollha, kollha, kollha, tal-voluntiera kollha, kollha, kollha, tad-diretturi u tal-konsulenti. Minn qalbi nirringrazzjahom tal-impenn u dedikazzjoni tagħhom. Mhux faċli li taħdem f'settur li jitlob daqshekk responsabiltà. Xi drabi ngħejjew, inħallu l-emozzjonijiet jiġru bina, u forsi anke nweġġgħu lil xulxin fil-proċess. M'aħniex perfetti, imma nibqgħu nippruvaw – nitgħallmu u nagħmlu l-almu tagħna. Dan nagħmluh bl-appoġġ ta' ħafna, fosthom il-Ministru tal-Politika Soċjali, l-Onor. Michael Falzon li jemmen fina u reġa' ġedded il-fiduċja tiegħu fina permezz ta' ftehim ġdid. Grazzi mill-qalb. Grazzi lil Dun Anton Thewma, l-Isqof t'Għawdex u lill-Eċċ. Tagħha Miriam Spiteri Debono, President ta' Malta tas-sapport morali li dejjem joffrulna.

U finalment grazzi speċjali lilek għażiż Dun Manwel. Qed tħallilna dan il-legat sabiħ u ta' importanza kbira għas-soċjetà. Inti, flimkien mal-fundaturi l-oħra sħabek, li ffurmaw l-ewwel bord ta' diretturi, ingħaqadtu flimkien u wellidtu din l-idea sabiex tkunu ta' servizz għas-soċjetà Għawdxija u Maltija. Kontu kapaċi tħarsu fil-bogħod u taqraw is-sinjali taż-żminijiet u sawwartu dan il-proġett li f'dawn il-35 sena  serva ta' kenn u wens għall-għexieren ta' mijiet ta' persuni, kemm dawk bi problemi ta' użu tas-sustanzi, kif ukoll għall-familjari tagħhom.

Għażiż Dun Manwel, il-ħabib tiegħi Martin, l-awtur tal-ktieb li għadek kif ippubblikajt inti, jgħid: "Ħadd ma jagħmel xejn waħdu". Inti irnexxilek iġġib flimkien grupp ta' persuni biex ħloqt organizzazzjoni tan-nies għan-nies. Dan hu l-legat prezzjuż li qed tħalli. Sakemm l-OASI hija għan-nies, tibqa' ħajja u relevanti. Sakemm l-OASI żżomm idha fuq il-polz tan-nies, l-OASI tibqa' dak il-post fejn persuna fil-bżonn tista' issib s-saħħa u t-tama' biex tkompli l-vjaġġ tal-ħajja. L-OASI mhix ic-Chairperson, jew is-CEO jew xi persuna oħra. L-OASI hija aħna kollha flimkien. L-OASI hija kull min qed jagħti kontribut, min bil-ftit u minn b'ħafna, inkluż dak li qed jirċievi xi servizz, biex l-OASI tibqa' tagħmel il-ħajja sabiħa.

Hija b'sens kbir ta' gratitudni lejn kulħadd li nħares 'l quddiem b'kuraġġ lejn għada, jum ġdid li fih inkomplu bil-ħidma li qed niċċelebraw illum, b'impenn dejjem akbar li ngħarfu dak li hu tajjeb u nibnu fuqu, u fejn hemm bżonn, inbiddlu, nitgħallmu u naġġornaw biex l-ispirtu li sawwar l-OASI 35 sena ilu jibqa' dejjem ħaj u jiġġedded.

Grazzi